MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Numru. 1275/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Emanuel Hili

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Emanuel Hili ta’ 39 sena, iben Alfred u Tereza nee’ Micallef, imwieled Pieta’, fil-11 ta’ Ottubru, 1966, u li joqghod fi Flat 2, Block 5, Mill Street, Zebbug, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 438366M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fix-xahar ta’ Frar, 2005 u fil-granet u fix-xhur ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,
1. Taht l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig:

I. ghax ried, irrifjuta li jaghti jew mingahjr raguni legittima (li prova taghha hija ghall-kariga tieghu) ma tax, xi taghrif importanti, u dan bi ksur ta' l-artikolu 48 tal-Kpa 343 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. talli naqas milli japplika ghal registrazzjoni fiz-zmien u bil-mod mehtiega bl-artikolu 10 jew 12 ta' l-Att XXIII ta' 1998 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 76 (a) ta' l-Att XXIII ta' 1998.
3. Talli naqas milli jinnotifika lill-'Employment and Training Corporation' li kien qed jahdem u dan bi ksur ta' l-artikolu 3(b) ta' l-Avviz Legali 110 ta' 1993.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avuakt Generali datat 28 ta' Dicembru, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-28 ta' Dicembru, 2006 ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta tat-28 ta' Dicembru, 2006 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni drba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-28 ta’ Dicembru, 2006.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 48 tal-Kap 343, l-Artikoli 10, 12, u 76 (a) ta’ l-Att XXIII tal-1998 u l-Artikolu 3(b) ta’ l-Avviz Legali 110 tal-1993 kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tiddikjara li qed issib lill-imputati hati ta’ l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------